MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 854/2004

Emanuel Pace u martu Maria Carmela Pace
Vs
Joseph Azzopardi u martu Pauline Azzopardi u Flower, Land and Nursery Limited (C-17674)
SEDUTA TAS- 6 TA' DICEMBRU 2004

Il-Qorti;
Rat l-att tac-citazzjoni li biha l- atturi wara li ppremettew: -

Illi bi skrittura datata 18 ta' Marsu 1996 iffirmata quddiem in- Nutar Dr Philip Said, l- atturi krew lis- socjeta' konvenuta il- garaxx numru mija u tlettax ( 113 ), Triq Nikola Baldacchino, Hal Qormi, ghal zmien tnax- il sena u bil- kera annwu ta' elf u hames mitt lira ( LM 1, 500 ) pagabbli kull sitt xhur bil- quddiem bl- ewwel pagament dovut fl- 1 ta' Jannar 1997.

Illi hemm dovuti l- iskadenzi tal- 1 ta' Jannar 2000, tal- 1 ta' Lulju 2000, tal- 1 ta' Jannar 2000, tal- 1 ta' Lulju 2001, tal- 1 ta' Jannar 2002, tal- 1 ta' Lulju 2002, tal- 1 ta'

Jannar 2003, tal- 1 ta' Lulju 2003, tal- 1 ta' Jannar 2004 u tal- 1 ta' Lulju 2004 ammontanti komplessivament ghal sebat elef u hames mitt lira ( LM 7, 500 ).

Illi fit- 2 ta' April 2002 l- atturi krew lis- socjeta' konvenuta garaxx adjacenti ghal dak fuq imsemmi bil- kera annwu ta' elfejn lira ( LM 2, 000 ) pagabbli mill- imsemmija data.

Illi s- socjeta' konvenuta irrilaxxjat il- pussess ta' dan il- garaxx u hemm dovuti l- iskadenzi tat- 2 ta' April 2002 u tat- 2 ta' April 2003 ammontanti ghal erbat elef lira ( LM 4, 000 ).

Illi bi skrittura tal- 24 ta' Gunju 2002 il- konvenuti konjugi Azzopardi obbligaw ruhhom li jhallsu sa mhux aktar tard mill- 24 ta' Gunju 2004, is- somma ta' sitt elef u hames mitt lira ( LM 6, 500 ), u cioe' l- arretrati ta' kera dovuti fuq iz- zewg garaxxijiet imsemmija sad- data tal- imsemmija skrittura.

Illi l- konvenuti interpellati diversi drabi sabiex ihallsu baqghu inadempjenti.

Illi dan il- kreditu huwa wiehed cert, likwidu u dovut fil- fehema tal- atturi il- konvenuti m' ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t- talbiet attrici.

Talbu ghalhekk lill- istess konvenuti jghidu ghaliex m' ghandiex din il- Qorti: -

1. Tiddeciedi skond it- talba bid- dispenza mis- smiegh tal- kawza a tenur tal- artikolu 167 tal- Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill- konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill- atturi is- somma ta' sitt elef u hames mitt lira ( LM 6, 500 ) rapprezentanti in kwantu ghal erbat elef u hames mitt lira ( LM 4, 500 ) l- iskadenza ta' kera fuq il- garaxx numru mija u tlettax ( 113 ), Triq Nikola Baldacchino, Hal Qormi, bejn l- 1 ta' Jannar 2000 u tal- 1

ta’ Lulju 2002 u in kwantu ghal elfejn lira ( LM 2, 000 ) l- iskadenza tat- 2 ta’ April 2002 fuq il- garaxx adjacenti.

3. Tikkundanna ulterjorment lis- socjeta’ konvenuta thallas lill- atturi is- somma ta’ hamest elef lira ( LM 5, 000 ) rapprezentanti in kwantu ghal- tlett elef lira ( LM 3, 000 ) l- iskadenza ta’ kera fuq il- garaxx numru 113, Triq Nikola Baldacchino, Hal Qormi ta’ bejn l- 1 ta’ Jannar u l- 1 ta’ Lulju 2004, u in kwantu ghal elfejn lira ( LM 2, 000 ) l- iskadenza tat- 2 ta’ April 2003 fuq il- garaxx adjacenti.

4. Tiddikjara li s- socjeta’ konvenuta kisret l- obbligi minnha assunti fuq il- kuntratt ta’ lokazzjoni tat- 18 ta’ Marzu 1996 inkwantu moruza fil- hlas tal- kera dovut kif fuq spjegat.

5. Thassar u xxolji ghall- finijiet u effett tal- Ligi il- kuntratt ta’ lokazzjoni tat- 18 ta’ Marzu 1996 ghall- ragunijiet imputabbli lis- socjeta’ konvenuta.

6. Tikkundanna lis- socjeta’ konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju tizgombra mill- garaxx 114, Tirq Nikola Baldacchino Qormi.

Bl- ispejjez inkluzi dawk tal- ittra interpellatorja tas- 26 ta’ Mejju 2004, tal- ittra ufficjali tat- 28 ta’ Lulju 2004, tal- mandat ta’ inibizzjoni pprezentat kontestwalment, is- somma ta’ sitta u sebghin lira u tmienja u sebghin centezmu ( LM 76. 78 ) rapprezentanti l- ispejjez inkorsi sabiex saru ir- ricerki tal- passiv u l- attiv tal- konvenuti, u bl- imghax legali a skaletta skond id- data tal- iskadenza rispettiva kontra l- konvenuti li gew ingunti ghas- subizzjoni.

Rat l- atti l- ohra kollha tal- kawza;

Rat id- dikjarazzjoni tal- konvenut Joseph Azzopardi, registrata fil- verbal tas- seduta ta’ llum, li biha, ghan- nom tieghu, u ghan- nom tal- konvenuti l- ohra ammetta it- tieni u t- tielet talba, cioe’ li l- konvenuti ghandhom ihallsu in solidum bejniethom is- somma komplessiva ta’ hdax- il elf u hames mitt lira ( LM 11, 500 ), u dana ghall- iskadenzi ta’ kera kif indikat fic- citazzjoni, bl- imghaxijiet kif mitluba.

In vista ta' din id- dikjarazzjoni talbu li tinghata sentenza dwar it- tieni u t- tielet talba, u in oltre, Dr Robert Mangion, ghall- atturi iddikjara li huwa mhux ser jesegwixxi s- sentenza qabel ma jghaddu erba' ( 4 ) xhud mil- llum, cioe' qabel is- sitta ( 6 ) ta' April 2005, sa liema terminu qed tinghata l- possibilita' bil- konvenuti li jhallsu l- imsemmija somma ta' hdax- il elf u hames mitt lira ( LM 11, 500 ) oltre l- imghaxijiet. Il- partijiet in oltre qablu li jekk isir dan il- hlas fl- imsemmi terminu, l- atturi icedu l- kawza u ma jinsistux dwar it- talbiet l- ohra kollha.

B' hekk il- Qorti tiddeciedi fuq l- ammissjoni tal- konvenuti dwar it- tieni u t- tielet talba billi tilqa' l- istess talbiet u tikkundanna lill- konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill- atturi is- somma ta' sitt elef u hames mitt lira ( LM 6, 500 ) rapprezentanti in kwantu ghal erbat elef u hames mitt lira ( LM 4, 500 ) l- iskadenza ta' kera fuq il- garaxx numru mija u tlettax ( 113 ), Triq Nikola Baldacchino, Hal Qormi, bejn l- 1 ta' Jannar 2000 u tal- 1 ta' Lulju 2002 u in kwantu ghal elfejn lira ( LM 2, 000 ) l- iskadenza tat- 2 ta' April 2002 fuq il- garaxx adjacenti, u tikkundanna ulterjorment lis- socjeta' konvenuta thallas lill- atturi is- somma ta' hamest elef lira ( LM 5, 000 ) rapprezentanti in kwantu ghal- tlett elef lira ( LM 3, 000 ) l- iskadenza ta' kera fuq il- garaxx numru 113, Triq Nikola Baldacchino, Hal Qormi ta' bejn l- 1 ta' Jannar u l- 1 ta' Lulju 2004, u in kwantu ghal elfejn lira ( LM 2, 000 ) l- iskadenza tat- 2 ta' April 2003 fuq il- garaxx adjacenti, u dana kollu bl- imghaxijiet kif mitluba.

Tirriserva li tiddeciedi dwar it- talbiet l- ohra kollha u dwar il- kap ta' l- ispejjez, jekk ikun il- kaz, fi stadju ulterjuri.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------